

Nilde Iotti (1920 – 1999)

Promotriċi tas-suffraġju universali u omm fundatriċi tar-
Repubblika Taljana



Leonilde 'Nilde' Iotti kienet ġellieda tar-reżistenza matul it-Tieni Gwerra Dinjija, u saret waħda mill-politiċi nisa l-aktar importanti tal-Italja ta' wara l-gwerra. Meqjusa minn ħafna bħala l-omm fundatriċi tar-Repubblika Taljana u forsi "l-aqwa president li qatt kellha l-Italja", Iotti kienet membru tal-kumitat li abbozza l-qalba tal-kostituzzjoni l-ġdida tal-pajjiż fl-1946. Sentejn wara, ingħaqdet mal-Kamra tad-Deputati, u eventwalment saret il-president tagħha għall-itwal żmien.

Iotti, li dejjem emmnet fis-sħiħ f'Ewropa magħquda, saret membru tal-Parlament Ewropew fl-1969, serviet sal-1979, u kienet eletta viċi president tal-Kunsill tal-Ewropa fl-1997.

Leonide "Nilde" Iotti twieldet f'Reggio Emilia, raġal pro-Komunist fl-Italja ta' Fuq, fl-10 ta' April 1920. Studenta diliġenti, hija kisbet borża ta' studju biex tistudja l-letteratura u l-filosofija fl-università Kattolika prestiġjuża ta' Milan, għalkemm baqgħet atea sal-aħħar ta' ħajjitha.

Iġġieldet mar-reżistenza matul it-Tieni Gwerra Dinjija, u kienet figura prominenti tal-partit Komunista (PCI) u organizzattriċi ewlenija tal-Unjoni tan-Nisa Taljani ddominata mill-PCI ladarba ntemm il-kunflitt. Bil-kisba tas-suffraġju universali sħiħ għannisa fl-1945, Iotti gawdiet appoġġ konsiderevoli fost l-elettorat femminili u fl-1946 kienet eletta fl-assemblea kostitwenti, kamra parlamentari responsabbli għall-abbozzar ta' kostituzzjoni ġdida Republikana. Iotti kienet responsabbli għall-abbozzar tat-taqsima tal-politika dwar il-familja tal-kostituzzjoni.

Hija ngħaqdet mal-Kamra tad-Deputati fl-1948, waħda miż-żewġ ikmamar (flimkien mas-Senat) tal-parlament Taljan. Kienet l-ewwel mara, u l-ewwel Komunista, li kellha kariga istituzzjonali għolja fl-Italja meta saret president tal-Kamra

fl-1979, pożizzjoni li żammet sal-1992. Magħrufa għall-awtoassigurazzjoni u l-imparzjalità fir-rwol tagħha, Iotti ta' spiss kienet meqjusa bħala "l-aqwa president li qatt kellha l-Italja".

Wara l-mewt ta' Palmiro Togliatti, il-mexxej tal-PCI fl-1964, Iotti ħadmet ħafna biex timmodernizza l-partit. Hija rrappreżentat in-naħa favur l-Ewropa tal-partit, u matul il-karriera tagħha appoġġjat l-integrazzjoni Ewropea bħala mutur ta' trasformazzjoni soċjali pożittiva. "Irridu Unjoni Ewropea [...] biex tikseb toroq ġodda għal żvilupp ċivili, soċjali u politiku akbar, u biex tiftaħ frontieri ġodda ta' tiġdid u tkabbir li m'għadhomx permessi mill-ispazji dojoq tal-istati nazzjon, li llum huma limitati wisq, u għalhekk limitati fis-sovranità tagħhom". (Nilde, Parole e Scritti, 1955 – 1998, Comitato per la costituzione della Fondazione Nilde Iotti).

Matul dan il-perjodu, Iotti kompliet tiġġieled favur id-drittijiet tan-nisa. Hi appoġġjat u mexxiet kampanja li rnexxiet għall-introduzzjoni ta' liġijiet dwar id-divorzju u l-abort, li kienu prijoritajiet ewlenin għall-membri tal-moviment tan-nisa. Kienet ukoll

vuċi ta' medjazzjoni, billi ħeġġet lil sħabha iżgħar minnha biex ma jinjorawx il-veduti tan-nisa Kattoliċi dwar suġġetti bħal dawn.

Promotriċi tas-suffraġju universali

Iotti, politiku impenjata favur l-idea ta' Ewropa ġusta u ugwali, kienet determinata li ġġib magħha l-ġlieda tagħha għas-suffraġju universali fil-livell Ewropew. Hija saret membru tal-Parlament Ewropew bħala parti mid-delegazzjoni Taljana fl-1969, l-ewwel sena li nħatru kandidati komunisti. Matul iż-żmien tagħha bħala MPE hija appoġġjat elezzjonijiet diretti għall-Parlament Ewropew, billi kienet temmen li l-elezzjoni mill-poplu jagħti lill-Parlament mandat sod u kredibbiltà biex jaġixxi f'isem iċ-ċittadini.

Il-viżjoni tagħha għal Ewropa magħquda kienet tinkludi wkoll li jitqiesu l-implikazzjonijiet ġeopolitiċi ta' unjoni dejjem eqreb.

Iotti kienet temmen li l-poplu tal-Ewropa kellu d-dmir li jipprovdi influwenza pożittiva, pereżempju, fuq ir-relazzjonijiet bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar tad-dinja, fuq il-paċi u l-iżvilupp tal-Lvant Nofsani u, b'mod aktar ġenerali, fuq ir-regolamentazzjoni tas-sistema internazzjonali.

Xogħol Iotti u tal-kollegi tagħha ġie ppremjat fl-1979 bl-ewwel elezzjonijiet diretti tal-Parlament Ewropew. Hija temmet l-assoċjazzjoni ta' għaxar snin tagħha mal-Parlament ftit wara; għaxar snin fejn serviet ukoll fil-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tal-Parlament. Ir-rabta ta' Iotti mal-Ewropa ma ntemmitx hemm. Fl-1997 kienet eletta viċi president tal-Kunsill tal-Ewropa, l-organizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li tinkludi 47 stat membru.

Wara 53 sena fil-politika, Iotti ħabbret ir-riżenja tagħha mill-Parlament Taljan f'Novembru 1999. Hija mietet ġimagħtejn wara f'Ruma fl-4 ta' Diċembru, ta' 79 sena.